

Brussell, 2 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

11803/18

WTO 225
AGRI 407
VETER 61
SAN 256
COTRA 8

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati dwar ftehim mal-Istati Uniti tal-Amerika rigward l-importazzjoni taċ-ċanga ta' kwalità għolja minn annimali li ma jkunux ġew ittrattati b'ċerti ormoni tat-tkabbir

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'...

**li tawtorizza l-ftuħ ta' negozjati
dwar ftehim mal-Istati Uniti tal-Amerika
rigward l-importazzjoni taċ-ċanga ta' kwalità għolja minn annimali
li ma jkunux ġew ittrattati b'ċerti ormoni tat-tkabbir**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(3) u (4), tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fil-21 ta' Ottubru tal-2013, l-Unjoni kkonkludiet il-Memorandum ta' Qbil Rivedut mal-Istati Uniti tal-Amerika Rigward l-Importazzjoni taċ-Ċanga ġejja minn Annimali li Ma Jkunux Ġew Ittrattati b'Ċerti Ormoni tat-Tkabbir u Rigward id-Dazji Oġhla Applikati mill-Istati Uniti għal Ċerti Prodotti tal-Unjoni Ewropea¹ (l-“MOU rivedut”).
- (2) L-MOU rivedut ġie konkluż wara proċedimenti tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO, World Trade Organization) għas-soluzzjoni ta' tilwim fil-każ DS26 (EC – Measures concerning Meat and Meat Products (Hormones)) u ġie nnotifikat lill-Korp għas-Soluzzjoni tat-Tilwim tad-WTO fl-14 ta' April 2014.
- (3) Taħt l-MOU oriġinali u l-verżjoni riveduta tiegħu, l-Unjoni fetħet kwota tariffarja annwali għaċ-ċanga ta' kwalità għolja f'konformità mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 481/2012².
- (4) L-Unjoni u l-Istati Uniti tal-Amerika kellhom konsultazzjonijiet dwar it-tħaddim tal-MOU rivedut, kif previst fl-Artikolu IV tiegħu.

¹ ĠU L 27, 30.1.2014 p. 2.

² Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 481/2012 tas-7 ta' Ġunju 2012 li jistipula regoli għall-ġestjoni ta' kwota tariffarja għal ċanga ta' kwalità għolja (ĠU L 148, 8.6.2012, p. 9).

- (5) Għalhekk jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi awtorizzata tiftaħ negozjati mal-Istati Uniti tal-Amerika dwar it-tħaddim, inkluża l-allokazzjoni għall-pajjiżi, tal-kwota tariffarja miftuħa taħt l-MOU rivedut. Jenħtieġ ukoll li, sa fejn ikun meħtieġ, il-Kummissjoni tfittex qbil ma' pajjiżi oħrajn li jfornu ċ-ċanga b'mod sostanzjali fir-rigward tal-allokazzjoni għall-pajjiżi tal-kwota tariffarja, f'konformità mar-regoli applikabbli tad-WTO,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni, mal-Istati Uniti tal-Amerika dwar it-tħaddim tal-kwota tariffarja miftuħa taħt il-Memorandum ta' Qbil Rivedut mal-Istati Uniti tal-Amerika Rigward l-Importazzjoni taċ-Ċanga ġejja minn Annimali li Ma Jkunux Ġew Ittrattati b'Ċerti Ormoni tat-Tkabir u Rigward id-Dazji Ogħla Applikati mill-Istati Uniti għal Ċerti Prodotti tal-Unjoni Ewropea tal-21 ta' Ottubru 2013, inkluża l-allokazzjoni għall-pajjiżi ta' dik il-kwota tariffarja bl-għan ta' soluzzjoni definittiva tat-tilwima fid-WTO fil-każ DS26 (EC – Measures concerning Meat and Meat Products (Hormones)).

Il-Kummissjoni hija b'dan awtorizzata wkoll li, sa fejn ikun meħtieġ, tiftaħ negozjati, f'isem l-Unjoni, ma' pajjiżi oħrajn li jforu ċ-ċanga b'mod sostanzjali biex tfittex qbil magħhom fir-rigward tal-allokazzjoni għall-pajjiżi tal-kwota tariffarja msemija fl-ewwel paragrafu, f'konformità mar-regoli applikabbli tad-WTO.

Artikolu 2

In-negozjati għandhom isiru abbażi tad-direttivi ta' negozjar tal-Kunsill stabbiliti fl-addendum għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3

Il-Kummissjoni għandha tmexxi n-negozjati f'konformità mar-regoli tad-WTO u f'konsultazzjoni mal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali kif previst fit-tielet subparagrafu tal-Artikolu 207(3) tat-TFUE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Il-President
